# Il-Festa tal-Madonna tad-Duttrina fl-1876



*Ritratt meħud madwar is-sena 1929 li juri dilettanti tan-nar tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina. Fin-nofs jidher Emmanuel Ellul iż-"Żurrieqi" u fuq wara hemm Ċikku Magro "il-Mansu" u ż-żewġt itfal huma wliedu Anġlu u Ġużeppi*

Fil-bidu tas-seklu 18, f'xi parroċċi twaqqfu diversi kongregazzjonijiet tad-Duttrina. Il-għan ewlieni kien li jixtered it-tagħlim li kien tant meħtieġ. Aktarx li l-ewwel kongregazzjoni kienet dik ta' San Pawl tal-Belt, imwaqqfa qrib is-sena 1721. Sitt snin wara twaqqfu żewġ kongregazzjonijiet oħra, waħda f'Ħal Safi u oħra fiż-Żurrieq. Fis-sena ta' wara twaqqfet dik ta' Ħaż-Żabbar u mbagħad, fil-5 ta' Marzu 1748, inbdew dawk tan-Naxxar, tal-Gudja u ta' Ħal Tarxien. Tliet kongregazzjonijiet oħra tad-Duttrina twaqqfu fl-1777 f'Ħaż-Żebbuġ, f'Ħal Lija u fil-Belt Vittoriosa. Ta' Ħal Tarxien, fl-1874, ġiet organizzata bħala fratellanza.

F'Ħal Tarxien, il-festa ilha ssir ħafna, tant li fis-sena 1876, il-*Malta News* tal-21 ta' Ġunju xandret rapport dwar il-festa. Insiru nafu li fil-festa kienu jarmaw l-armar, jixegħlu d-dwal u jagħmlu nar sabiħ. Jingħad li n-nar tant kien sabiħ li għadda saħanistra n-nar li kien inħadem mill-barranin fl-okkażjoni taż-żjara tal-Prinċep ta' Wales f'Malta, li lill-Gvern kien swielu madwar £500. Dakinhar tal-festa, l-ispettur tal-Pulizija u xi kuntistabbli xejn ma kienu ġabu ruħhom sewwa. Jidher li dawn arrestaw lil xi uħud, ħaduhom l-Għassa, u, barra li akkużawhom b'dagħa u storbju, refgħu idejhom fuqhom.

Dak iż-żmien, il-Pulizija kienet toqgħod b'seba' għajnejn li ma jinqalax inkwiet fil-festi u, milli jidher, għal kull ħaġa ta' xejn kienet tieħu passi. Fil-fatt, Ġanni Refalo, Giusè Mifsud, Karlu Ciantar, G. Debattista Gatt, ċertu Spiteri, u żewġ aħwa minn Ħal Luqa kienu qalu li ġew ittrattati ħażin mill-Pulizija.

Billi kienu nżammu l-għassa u ġew imħarrka, kellhom iqabbdu avukat jiddefendihom. Dan kien Dr Trevisan. Iżda ġara li meta ttellgħu l-qorti u deher l-ispettur Salvu Calleja, kienu ġew illiberati għax ma kienx hemm provi. Xi uħud kienu kitbu li kien ikun aħjar kieku l-Pulizija ħadet ħsieb dak li jsir fiż-Żejtun, Ħal Għaxaq, in-Naxxar, il-Mosta jew Ħaż-Żebbuġ, milli sabet erbat itfal kwieti minn Ħal Tarxien. Jidher li kien żmien ta' inkwiet fil-festi, u l-Pulizija kienet fuq in-nies bħal seqer biex iżżomm l-ordni.

*Lorenzo Zahra*